NAO
National Audit Office
MALTA

National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1600
Malta

Phone: (+356) 22055555
Fax: (+356) 21220708
E-mail: nao.malta@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt

*Auditor General*

Our Ref: NAO 69/2011
Your Ref:

20 ta' Jannar, 2014

Is-Segretarju
Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi
Il-Palazz
Valletta

**Rigward: Talba mill-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi**

B'referenza għat-talba tal-Onor. Beppe Fenech Adami diskussa waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Kontijiet Pubbliċi tat-13 ta' Novembru 2013, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika qiegħed jippreżenta risposta f'dan ir-rigward wara konsultazzjoni mal-Malta Information Technology Agency (MITA).

MITA informat l-NAO li s-sistema tal-*backups* li għandha fis-seħħ tmur lura sa massimu ta' sentejn, allura l-MITA setgħet tipprovdi informazzjoni minn Novembru 2011 'l hawn. F'Novembru 2011, il-Fuel Procurement Committee ma ltaqax. F'Diċembru 2011, dan l-istess kumitat iltaqa' fl-14 ta' Diċembru 2011 u fit-22 ta' Diċembru 2011.

Id-dettalji ta' kif ġie aċċessat l-*email account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt fl-14 ta' Diċembru 2011, kif ukoll dettalji dwar korrispondenza rreġistrata fuq dan l-*email account* huma ppreżentati fit-tabella sussegwenti.

| **Ħin** | **Dettalji** |
|---|---|
| 10:08 | Aċċessat l-*email account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt |
| 10:27 | Mibgħuta *email* mill-MPM |
| 10:40 | Itterminat l-aċċess fuq l-*account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt |
| 12:18 | Mibgħuta *email* mit-TOTSA |
| 12:38 | Mibgħuta *email* oħra mit-TOTSA |
| 12:54 | Aċċessat l-*email account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt |
| 12:55 | Itterminat l-aċċess fuq l-*account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt |
| 13:08 | Mibgħuta *email* mill-BB Energy |
| 15:03 | Aċċessat l-*email account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt |
| 16:44 | Itterminat l-aċċess fuq l-*account* ġeneriku fuel.procurement.bids.emc@enemalta.com.mt |

Analiżi simili għal dik tal-14 ta' Diċembru 2011 ma setgħetx issir fil-kuntest tal-laqgħa tat-22 ta' Diċembru. Skont il-MITA, dan hu minħabba problemi tekniċi li seħħew waqt il-proċess tal-*backup*, u allura, ma kien hemm ebda informazzjoni li setgħet tiġi analizzata bl-istess mod.

Dejjem tiegħek,

A. C. Mifsud

Kopja lil: Chairman, MITA